MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2009

Talba Numru. 309/2005

**Victor Vella**

**Vs**

**Creative Paving Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta Jannar 2005, fejn intalab sabiex is-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallsu s-somma ta’ Lm814.17c illum ekwivalenti ghal Euro1,896.50c (elf, tmin mija u sitta u disghin ewro u hamsin centezmu) rapprezentanti ammont dovut ghal materjal fornut u konsenjat lill-istess socjeta konvenuta.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta datata 1 ta’ Gunju 2005 fejn ikkontestat it-talba attrici in vista tal-fatt illi kwalunkwe ammont dovut kien gie saldat zmien ilu in parte permezz ta’ tpacija u in parte bi hlas. Inoltre giet sollevata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-

artikolu 2149 a Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta. Saret reserva ukoll ghal prezentata ta’ eccezzjonijiet ulterjuri.

Ezamina l-provi migjuba mill-partijiet u evalwa d-dokumenti esebiti.

Sema lill-abbli difensuri tal-partijiet jaghmlu s-sottomissjonjiet taghhom finali.

Ikkunsidra,

Antoine Cassar li xehed fis-seduta tal-15 ta’ Mejju 2006 u li huwa Managing Director tas-socjeta konvenuta stqarr li f’dawk l-ahhar hames sitt snin kien minnu li huwa ha x-xoghol minghand l-attur pero ighid li l-ftehim kien li l-hlas tal-materjal li jakkwista minghand l-attur dan kellu jsir go forma ta’ tpacija kontra benefikati li s-socjeta konvenuta kienet rrendietlu fuq il-faccata tal-Bay street, Complex oltre zewg simples ghal kunsill. Ghid li l-valur ta’ xoghol esekwit mis-socjeta konvenuta a beneficcju tal-attur kien ivvalutat (labour only) fl-ammont ta’ Lm810.75c. Dan kollu sehh qabel il-Milied tas-sena 2002 kemm ix-xoghol li nhadem ghall-attur u kif ukoll il-materjal li ttiehed minnghand l-attur. Difatti aktar il-quddiem ighid li huwa kien akkwista x-xoghol minghand l-attur f’Novembru tas-sena 2002. Dan ix-xhud esebixxa wkoll rendikont tal-istess servizzi minnu prestati li jinsab markat bhala Dok AC 1 u jinsab a fol 19 tal-process. Dan l-istatement inhareg mis-socjeta konvenuta zmien wara u cioe nhareg biss meta xi zmien wara l-attur beda jippretendi li ghandu jithallas l-ammont indikat f’din il-kawza. Fil-fatt meta is-socjeta konvenuta giet affaccjata bit-talba tal-attur, hija harget l-istatement Dok AC1 u kwindi hallset id-differenza skond hi ta’ madwar Lm3 kif jidher mic-cheque esebit markat Dok AC 2 a fol 20.

In kontro-ezami l-istess rapprezentant tas-socjeta konvenuta jistqarr li huwa kien ha x-xoghol minghand l-attur f’diversi konsenji u kif ukoll li l-istess xoghol ossia materjal kien hadu minnghand l-attur qabel ma dan ta’ l-ahhar kien qabdu biex jahdimlu fuq Bay street. Ta’ kull konsenja ir-rapprezentant tas-socjeta konvenuta kien

jiffirma d-delivery note li kien itih il-konvenut. Huwa jammetti li l-valur tax-xoghol li ha minghand l-attur kien proprju dak li qed jigi mitlub f'dina l-kawza u li l-hlas li ghaddielu ta' xi Lm3 kienu jirreferu bhala parti mill-ammont mitlub f'din il-kawza. Jikkonferma wkoll li l-ammont mitlub mill-attur ghalkemm jaqbel mieghu bhala valur ta' materjal mehud, ma kienx hallas ghall-istess fi flus kontanti izda hallas l-istess valur kontra prestazzjoni ta' xoghol li hadimlu.

L-attur Victor Vella xehed illi l-ammont li kien qed jitlob f'din il-kawza huwa bilanc minn somma akbar li kien ghadu dovut mis-socjeta konvenuta ghal materjal li xtara minnghandu wara li kienu gia saru xi pagamenti akkont. It-Tribunal hawn jinnota li mix-xhieda moghtija mir-rapprezentant tas-socjeta konvenuta jirrizulta li ma kienx qed jigi fil-fatt kontestat l-ammont mitlub mill-attur bhala quantum tax-xoghol li baqa ma thallasx minnu in kontanti. F'dan id-dawl ghalhekk jidher illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta certament ma hiex applikabbli stante tali ammissjoni. Jibqa biss il-fatt kwindi jekk tassew kienx hemm akkordju ta tpacija kontra servizzi rezi kif qed jigi allegat fl-ewwel eccezzjoni o meno.

Dwar is-servizzi rezi l-attur ighid li l-ftehim ta' tqeghid ta' paving ma sarx mieghu jew a beneficjcu tieghu izda sar ma sid ta' hanut certu  Farrugia. Fil-fatt dan l-istess Farrugia ma baqax ifittex lill-attur ghax-xoghol hazin li allegatament esekwiet is-socjeta konvenuta fil-hanut tieghu. L-istess ighid li gara fuq is-samples li ntbghatu ghal tender liema materjal kien intbghat a beneficcju tas-socjeta li tefghet l-offerta u mhux a beneficcju tieghu. L-attur ghalhekk jinnega li huwa kien dahal fi ftehim mas-socjeta konvenuta li jithallas b'xoghol minnflok fi flus kontanti.

Carmel Farrugia sid il-hanut fejn sar ix-xoghol ta' paving ighid li huwa kien qabbad lil attur ghal dan ix-xoghol pero jikkonferma li ta' l-ahhar kien inkarika lil haddiehor biex jesegwixxi l-inkariku lilu moghti.

Meta rega xehed Antoine Cassar ir-rapprezentant tas-socjeta konvenuta, huwa nsista li kien l-attur li nkarikah biex jaghmel ix-xoghol ta' paving gewwa l-hanut ta Bay street u li anke kien insista mieghu li l-hlas relattiv tas-servizz rez kellu jsir permezz ta forma ta' bartering ma xoghol ta materjal fornut mill-attur.

Ghalkemm saru diversi tentattivi biex isehh konfront bejn l-attur u Carmel Farrugia dan baqa qatt ma mmaterjalizza.

Illi L-kuncett tat-tpacija huwa regolat fil-Kapitolu sittax tal-Ligijiet ta Malta bejn l-artikolu 1196 sal-artikolu 1204.

L-artikolu 1196 (1) jistipula li tpacija ssir meta tnejn minn nies huma debituri lejn xulxin. Fil-kaz in ezami ghalkemm minn naha wahda ghandna s-socjeta konvenuta li qed taccetta li l-ammont miltub mill-attur huwa proprju l-bilanc tal-valur tal-materjal akkwistat minnha, minn-naha l-ohra l-attur qed jikkontesta l-fatt mhux biss liu huwa debitar tas-socjeta konvenuta ghal prestazzjonijiet allegatament rezi izda li lanqas biss huwa l-legittimu kontradittur fil-konfront tal-allegazzjoni mressqa mill-istess socjeta stante li s-servizz gie rez fuq ordni ta' u a beneficcju ta' terz.

Apparti dak li jinghad hawn fuq u in ogni caso jidher li xorta wahda ma jezistux r-rekwiziti ghal tpacija peress illi, dato non concesso, l-obbligazzjonijiet rispettivi vantati, ma humiex ta' l-istess generu u natura. Fil-fatt l-artikolu 1197 (1) ighid illi it-tpacija ssir biss bejn zewgt idjun li <u>jkollhom it-tnejn</u> bhala oggett somma ta' flus jew kwantita determinata ta hwejjeg fungibbli ta' l-istess speci u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi ghar-ragunijiet fuq premessi u fl-ewwel lok qed jirrespingi t-tieni eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta u fit-tieni lok u fuq il-meritu qieghed jirrespingi wkoll l-ewwel eccezzjoni dwar tpacija ntavolata mill-istess socjeta konvenuta, kwindi jilqa t-talba attrici u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-istess socjeta konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma mitluba ta' Euro1,896.50c (elf, tmin mija u sitta u disghin ewro u

hamsin centemzu) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata tal-odjern avviz u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza a kariku tas-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------